# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 394/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Attard)

vs

**Frankie Harry Silvio Fava**

iben Joseph Fortunato, imwieled l-Awstralja, fis-27 ta’ Diċembru, 1965, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 544382(M)

Illum 30 ta’ Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Frankie Harry Silvio Fava quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fil-15 ta' Mejju, 2012 għall-ħabta ta' 08:50 hrs fil-Floriana:

1. Saq vettura Nru. KAR - 725 mingħajr ma kienet liċenżjata mill-Awtorita għat- Trasport f'

Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda).

2. Saq vettura Nru. KAR - 725 mingħajr ma kienet koperta b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

3. Kif ukoll fl-imsemmija data u ħin fi Triq Nazzjonali, Floriana, waqt li kien qed issuq vettura Nru. KAR - 725 f' triq li hija regolata b' sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixgħel kulur aħmar.

4. Waqt li kien qed issuq vettura Nru. KAR - 725 u riesaq lejn 'Pedestrian Crossing' naqas li jnaqqas il veloċita' u jieqaf meta kienet qed tiġi wżata mill-pubbliku.

5. Waqt li kien qed issuq vettura Nru. KAR - 725 naqas milli jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija u cioe P.C. 301 W. Vella, għal kull raġuni fit-twettiq ta' dmirijietu, meta naqas li jieqaf meta fejn ordnat biex jagħmel hekk mill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija.

6. W' aktar naqas li jipproduci lill-Pulizija l-liċenzja tas-sewqan fiż-żmien skond il-Liġi.

7. Kif ukoll naqas li jipproduċi lill-Pulizija l-polza ta' l-assigurazzjoni tal- vettura Nru. KAR - 725 fiż-żmien skond il-Liġi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Settembru, 2013 fejn il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal piena ta' multa ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) u ssospenditlu l-liċenżja tas-sewqan għal żmien ta' sena mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Frankie Harry Silvio Fava minnu ppreżentat fis-27 ta' Settembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha :

(i) tħassar u tirrevoka s-sentenza taż-żbatax (17) ta' Settembru. 2013, fl-ismijiet Il-Pulizija

vs Frankie Harry Silvio Fava mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

(ii) tillibera lill-esponent appellant mill-akkużi kollha miġjuba kontrih, kif ukoll minn kull piena u ħtija skont il-Liġi:

(iii) alternattivament tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-esponent appellant billi tnaqqas b'mod sostanzjali l-piena lilu nflitta, hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Qorti tal-prim istanza, ma setgħetx, abbażi tal-provi prodotti, tikkonkludi b'mod ragjonevoli li ma kien hernm l-ebda dubju li kien l-appellant li fil-fatt kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru KAR-725, fid-data u fil-ħin li twettqu r-reati elenkati fiċ-ċitazzjoni, mis-sewwieq tal-vettura kif allegat ninn PC 301.

PC 301 ra persuna ssuq il-vettura in kwistjoni. Hu sussegwentement kellem lil persuna fuq 99562739 liema persuna qalet li kienet hi li kienet qegħdha ssuq. Fl-ewwel lok ma tressqet l-ebda prova li n-numru tat-telefon li jiċċita PC301 u li l-istess pulizija ċempel fuqu jappartjeni lill-appellant. Fit-tieni lok, ma jirriżultax mill-affidavit ta' PC301, li l-persuna li kien qiegħed ikellem fuq it-telefon identifikat ruħha b'mod espliċitu. Fit-tielet lok, PC301 lanqas ma xehed viva voce quddiem il-Qorti, bir-riżultat li qatt ma ġie kkonfermat jekk kienx qiegħed jagħraf lill-imputat preżenti quddiem il-Qorti bħala l-istess persuna li kien ra issuq il-vettura dakinhar tal-allegati reati. Ma jitsax jingħad illi wieħed jista’, abbażi ta' dawn il-provi, jasal b’mod ragjonevoli għal konvinċiment li jmur lil 'hinn mid-dubju li l-persuna li għamlet l-istqarrija fuq it-telefon lil PC301, kienet l-istess persuna li kienet qegħda ssuq il-vettura KAR-725 fid-data u fil-ħin tal-allegati reati.

Mingħajr pregudizzju għal premess, anke jekk jiġi kkonstatat li l-persuna li kienet qed titkellem ma PC301 kif spjegat fl-affidavit tiegħħu, kienet fil-fatt l-imputat, u li allura l-istqarrija li kien hu li kien qiegħed isuq il-vettura fid-data u l-hħin tal-allegati reati saret fil-fatt mill-imputat, xorta waħda l-Qorti tal-prim istanza ma setgħetx taċċetta din l-istqarrija bħala prova, u ma setgħetx

abbażi tagħha tasal għad-deċiżjoni tagħha fejn sabet lill-imputat ħati tal-akkużi, kif fil-fatt jidher li għamlet, u dana stante illi l-imsemmija stqarrija ttieħdet mill-imputat fuq domanda magħmula lilu minn PC301, mingħajr ma l-imputat ingħata it-twissija li għandu l-għażla li jibqa' sieket sabiex ma jinkriminax ruħu, u wisq anqas mingħajr ma l-imputat ingħata id-dritt għal assistenza legali.

F'dan ir-rigward, l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri, mogħtija fit-12 ta' Novembru, 2012, (Appell Ċivili Nru. 32/201111) fejn dik l-Onorabbli Qorti, wara analiżi tal-ġurisprudenza relevanti tal-Qrati tagħna kif ukoll tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, qalet is-segwenti:-

"l-appellat ma kienx mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jingħad li l-appellat kien mogħti għażla li jibqa' sieket. Fil-każ tal-lum ma hemm l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b 'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Hemm pero’ l-kwistjoni, li din il- Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma ngħatax il-liberta’ fl-għażla jekk iweġibx jew le u b’hekk kien privat minn garanzija kontra kull pregudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni"

Tkompli tgħid l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali aktar 'il quddiem fl-istess sentenza:

" ... l-appellat ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, ma kienx liberu li jagħżel illi ma jweġibx id-domandi li saru mill-pulizija qabel u waqt it-tfittxija mill-pulizija tas-7 ta ' Settembru, 2006 għaliex ma ngħatax it-twissija. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi kien hemm ksur tal-jedd tal-appellat għal smigħ xieraq."

Kemm il-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fis-sentenza ċitata jagħmlu referenza għal dak li tgħid il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz Salduz v, Turkija ["Salduz"] tas-27 ta' Novembru 2008 fejn jiġgi stabbilit, inter alia, il-prinċipju li "The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."

Huwa ferm relavanti għal każ odjern dak li tgħid sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza, hi hu tiċċita is-sentenza tal-Qorti tal-prim istanza, u cioe' illi:

"Il-principju stabbilit fil-każ ta' Salduz ma japplikax biss fil-każ ta' interrogatorju li jsir fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Domandi jistgħu jsiru barra fit-triq, f'karrozza, jew f'dar kif ġara f'dan il-każ." U illi "l-Qorti trid tagħmilha ċara li b'daqshekk m 'hijiex tgħid li dak li jingħad fis-sentenza ta' Salduz japplika biss fil-każ ta' persuna li tkun taħt arrest"

F'dan ir-rigward, il-fatt li mill-affidavit ta' PC301 ma jirriżultax li l-istess Pulizija qatt informa lill-persuna li kien qed jitkellem magħha fit-telefonata in kwistjoni li ser jipproċedi kontriha fil-Qorti, ma jneħħi xejn mill-fatt li l-istqarrija xorta waħda ittieħdet mingħajr ma ngħatat it-twissija, u mingħajr ma ngħata id-dritt għal assistenza legali, u xorta waħda intużat bħala prova fil-proċedimenti kontra l-appellant.

L-esponenti jagħmel ukoll referenza għas-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anton Cedric Bugeja mogħtija fl-24 ta' Settembru 2013, fejn il-konkluzżjoni tal-Qorti kienet is-segwenti:-

" ... din il-Qorti ma jidrilhiex li tista' tieħu in konsiderazzjoni dak li qal l-imputat fl-istess stqarrija għal finijiet ta' sejbien ta' ħtija o meno stante li huwa ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma avukat qabel ma rrilaxxja l-istess stqarrija."

Fil-każ odjern, l-istqarrija li jagħti l-appellant, dejjem fl-ipotesi li jiġi kkonstatat għall-argument li ben fil-fatt l-appellant li għamel dik l-istqarrija, ma kellhiex, in vista' tal-prinċipji enunċjati fis-sentenzi preċitati, tiġi meqjusa mill-Qorti tal-prim istanza għall-finijiet ta' sejbien ta' ħtija.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

1. Illi l-aggravju primarju li qed jressaq l-appellant huwa rigward l-fatt li peress li PC 301 ċempel lill-appellant fuq in-numru tal-mobajl wara li għamel il-verifiki tiegħu rigward il-karozza li kienet qed tinstaq qatt ma identifikah personalment iżda telefonikament biss.

Illi skont l-affidavit ta' PC 304 W. Vella l-appellant mal-ewwel ikkonferma li kien hu li kien qed isuq u saħansitra skuża ruħu ma' PC 301 W. Vella x'ħin ċempillu.

L-argument imressaq mill-appellant huwa li ma kienx hemm konferma uffiċjali mill-Pulizija li n-numru tat-telefon li rnexxilu jirintraċċa PC 301 kien effetivament tiegħu u għaldaqstant ma kienx hemm konferma 'l hinn minn kull dubju li kien hu.

Meta wieħed iċempel lil xi ħadd u ma jkunx jaf min hu, l-ewwel ħaġa li normalment isir huwa li jikkonferma li qed effettivament ikellem dik il-persuna in kwistjoni. Issa f'dan il-każ l-appellant saħansitra skuża ruħu u qal li kien mgħaġġel dak il-ħin għax kien sejjer il-Qorti. Iġifieri dubji kienx hu jew le m'hemmx. Kieku kellu numru ħażin il-persuna ma kinitx tiskuża ruħha.

2.L-aggravju l-ieħor jirrigwarda l-fatt li skont l-appellant il-fatt li ma ngħatax it-twissija qabel ma kellmu il-Pulizija fuq it-telefon, dak li qallu ma jgħoddx għax huwa meqjus bħala stqarrija u għaldaqstant kellu dritt għal avukat.

F'din is-sitwazzjoni l-appellant ma kienx arrestat u anqas kien qed jiġi interrogat id-depot iżda kien qiegħed sempliċement ikellmu fuq it-telefon. Hawnhekk wieħed jista' jagħmel referenza għall-**Artikolu 658 tal-Kap 9** li jgħid is-segwenti:

*'Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

In oltret, skont id-direttiva tal-EU kif tidher fil-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta Skeda E id-dritt tal-

avukat jiskatta meta tkun arrestat u mhux fuq it-telefon.

Fix-xhieda tiegħu Stephen Cachia Administrator ġewwa d-direttorat tat-Trasport ikkonferma li l-karozza bil-kulur ta' lewn fidda bin-numru ta' reġistrazzjoni KAR 725 kienet reġistrata fuq l-appellant u l-liċenzja kienet skadiet fit-30 ta' Novembru, 2011.

Fix-xhieda tiegħu Alfred Agius bħala rappreżentant ta' Fogg Insurance ikkonferma li l-insurance magħhom skadiet fit-30 ta' Jannar, 2011.

Għalhekk l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ppruvati u din il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u għaldaqstant mhux il-każ illi d-deskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti tiġi disturbata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell ta' Frankie Harry Silvio Fava u tikkonferma s-sentanza appellata.